MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-15 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 346/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Franco Scicluna**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Franco Scicluna, bin Martin u Pauline nee Debrincat, imwieled fid-29/1/1980, detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 308380(m) talli mis-16 ta’ Gunju 2008 sat-18 ta’ Lulju 2008 f’dawn il-Gzejjer naqas milli jaghti lill-mara tieghu Yolanda Briffa is-somma ta’ €93.20 ekwivalenti ghal Lm40, fil-gimghat dovuti lilha bhala manteniment ghat-tfal **D** ta’ 9 snin u **T** ta’ tmien snin u dan skond kuntratt nru 58 datat 10 ta’ Ottubru 2002 li kien sar quddiem in-Nutar Pubbliku Elena Farrugia u li kien irregistrat fil-Qorti Civili ta’ Malta quddiem l-Onor. Imhallef Franco Depasquale;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Novembru 2008 li, fuq ammissjoni, iddikjarat lill-imsemmi Franco Scicluna hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u, wara li rat l-Artikolu 338(*z*) tal-Kap. 9, ikkundannatu gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Franco Scicluna, minnu ppresentat fit-12 ta' Novembru 2008, li permezz tieghu huwa talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta' Marzu 2009; ikkunsidrat:

L-appellant jilmenta mill-piena, li huwa jqis li hija eccessiva. Ighid ukoll li hu m'ghandux ikun kostrett li jhallas manteniment ghal **D** ghax ighid li dan mhux it-tifel tieghu, u li hu (cioe` l-appellant) kien, sa ftit ilu, fl-impossibilita` li jimpunja l-paternita` ta' dan it-tifel minhabba ostakoli procedurali fil-ligi.

Din il-Qorti tosserva, pero`, li din tal-paternita` jew *denegata paternita*`, f'dan il-kaz hija semplici skuza biex l-appellant jisfida l-ordni tal-Qorti kompetenti ghall-hlas tal-manteniment, u dan peress li, kif irrizulta mid-deposizzjoni ta' Yolanda Briffa moghtija fl-20 ta' Marzu 2009, l-appellant, ghall-periodu inkriminat, mhux hallas nofs il-manteniment (i.e. dak ta' **T** biss) izda ma hallas proprju xejn. Minn din id-deposizzjoni jirrizulta wkoll li hemm xhur ohra li ghalihom l-appellant ghadu ma hallas xejn (u ghalhekk anqas il-manteniment fir-rigward ta' **T**), u dan juri li, anke jekk verament **D** mhux ibnu, l-appellant anqas biss irid ihallas tat-tifla li ma jidhirx li hemm kwistjoni dwar il-paternita` taghha. Skond l-imsemmija Yolanda Briffa kien biss fil-mori ta' dana l-appell li dak dovut ghall-periodu inkriminat thallas. Din il-Qorti ma tistax tinjora l-fedina penali ta' l-appellant, ezibita mill-prosekuzzjoni fl-udjenza tal-20 ta' Marzu 2009, li turi sitt kundanni ohra (16/7/07, 11/2/08, 11/2/08, 14/4/08, 21/4/08 u 7/7/08) kollha ghal nuqqas ta' hlas ta' manteniment. F'dawn il-kundanni precedenti, il-Qorti tal-Magistrati qatt ma mponiet piena karcerarja izda ghamlet ordni taht l-Att dwar il-*Probation*.

Evidentement l-appellant ma jridx jifhem li ma jistax jisfida l-ligi, u wera li hu determinat li jibqa' jisfida l-ligi (probabbilment anke biex jisfida b'hekk lil martu) u ghalhekk gustament l-ewwel qorti ddecidiet li kien wasal iz-zmien ghal piena karcerarja.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tvarja l-piena erogata mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------